**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, is-27 ta' Frar 2023**

Kaz Nru: 26/2017

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Justine Grech)

**kontra**

**JEREMY MANGION**

(Detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 360595(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Jeremy Mangion,** ta' ghoxrin sena, iben John Mangion u Michaelina nee' Cachia, imwieled il-Pieta' nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disgha mija hamsa u disghin, residenti gewwa l-fond numru 4, Providence, Triq il-Gmiel il-Wieden, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 360595(M), senjatament akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 t'Awwissu 2016 u fix-xhur ta' qabel din id-data[1]:

[1] Ara l-korrezzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur fl-udjenza tal-25 t'Ottubru 2017 (fol. 6 tal-att processwali odjerni).

1. Biegh jew xort'ohra ttrafika il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Produca, biegh jew xort'ohra ttrafika ir-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
4. Kellu fill-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
5. kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjoniiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat 22 ta' Marzu 2017, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tieghu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[2];

Rat li permezz ta' Digriet datat id-9 ta' Dicembru 2020, din il-Qorti (diversament preseduta) assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

---
[2] Fol. 5 tal-atti processwali

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga pprezentata fl-atti processwali odjerni nhar it-2 ta' Settembru 2022, permezz ta' liema l-istess Bord informa lil din il-Qorti li l-qua imputat kien temm il-pjan ta' kura mfassal ghalih b'success;

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Il-kaz odjern jirrisali lura ghall-hmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016) meta l-qua imputat twaqqaf *mill*-pulizija tat-traffiku waqt li kienu qeghdin jaghmlu xi *road-checks* gewwa triq Mikiel Anton Vassali. L-imputat kien qed isuq vettura tal-marka BMW ta' kulur griz.

Skond ix-xhieda tal-ufficjali fi hdan l-iskwadra ta' kontra d-droga, gie rrapurtat li huma kien infurmati li allegatament l-qua imputat kien qed ipejjep joint suspettat li kien kontenenti s-sustanza cannabis meta gie mwaqqaf mill-pulizija. Ufficjali tal-pulizija fi hdan l-iskwadra ta' kontra d-droga xehdu ukoll li fil-vettura tal-imputat instabu xi oggetti relatati mal-uzu tad-droga mill-pulizija fi hdan it-taqsima tat-traffiku fosthom: crusher; bicca suspettata Cannabis bud; zewg sachets kontenenti trab suspettat kokaina.

PC1189 Jurgen Falzon jiddikjara bil-gurament li t-tfittxija fil-vettura saret mis-surgent 918 Clayton Azzopardi u li qed jaghraf lill-qua imputat bhala l-persuna li saritlu t-tfittxija fil-vettura tieghu. Dan huwa ukoll ikkonfermat bil-gurament minn PS918 Clayton Azzopardi li spjega li huma kienu qed jassistu lill-kollegi taghhom mis-sezzjoni tat-traffiku meta gie mwaqqaf il-qua imputat. Azzopardi jispjega l-komportament konfuz u suspettuz tal-imputat qabel it-tfittxija. Azzopardi jispjega bil-gurament li fil-parti ta' quddiem tal-vettura instabu xi boroz suspettati cannabis grass flimkien ma crusher. Filwaqt li fuq il-parti ta' wara tal-vettura u cioe' wara s-seat tas-sewwieq kien hemm basket u pouch

iswed. Azzopardi jghid li dak il-hin huwa arresta lill-imputat u tah id-drittijiet spettanti lilu skond il-ligi filwaqt li gew infurmati s-superjuri tieghu u l-iskwadra ta' kontra d-droga.

Fuq il-post waslu pulizija fi hdan l-iskwadra ta' kontra d-droga (PS891 Oscar Baldacchino u PC560 Aaron Grech) li komplew l-investigazzjonijiet min-naha taghhom billi ghamlu tfittxija ulterjuri fil-vettura tal-imputat fejn giet elevata grinder kontenenti sustanza hadranija, gewwa l-glove compartment sabu pipe tal-plastic, filwaqt li minn tfittxija fuq il-persuna tieghu instabu zewg kartieri kontenenti flus kontanti fl-ammont ta' tlett mija hamsa u sebghin Ewro (Eur. 375), zewg mobile phones Samsung u sachet bajda suspettata droga kokaina.

Minn hemm, il-qua imputat gie arrestat u mehud fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Minn analizi tal-mobile tal-imputat mill-pulizija rrizulta li kien hemm xi chats li fil-fehma tal-ufficjali investigattivi setghu kienu konnessi ma attivita' ta' traffikar ta' droga u ghaldaqstant hadu ritratti ta' dawn ic-chats li gew ipprezentati fl-atti processwali odjerni u mmarkati bhala Dok. JG.

L-ufficjali fi hdan l-iskwadra ta' kontra d-droga ghamlu ukoll tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat. Minn din it-tfittxija partikolarment gol-kamra tieghu kif ukoll gewwa l-garaxx instabu ammont ta' sealable bags. Fil-kamra tas-sodda tieghu gewwa l-komodina instabet sustanza suspettata raza tal-Cannabis li tizen 1.427g kif ukoll kartiera ohra kontenenti flus kontanti fl-ammont ta' Eur. 470 u ammont iehor ta' flus kontanti li kienu taht il-wallet li jammontaw ghal Eur. 875. Fil-garaxx instabu ukoll sikkina kbira, pouch iswed kontenti flus kontanti fl-ammont ta' Eur. 65, zewg imwiezen u sustanza suspettata kemm raza tal-cannabis (85.432g), pjanta tal-cannabis (27.82g) u kokaina maqsuma f'zewgt sachets (1.097g). instabu ukoll xi kantunieri maqtughin u boroza tal-plastic. Fil-garaxx ukoll instab pakett tas-sigaretti li kien fih xi sigaretti kif ukoll sustanza suspettata haxix tal-cannabis (0.501g) u sustanza suspettata raza tal-Cannabis (3.068g). Gew elevati ukoll rizla paper u sikkina bi tracci ta' sustanza fuqhom suspettata droga illecita. PC 560 Aaron Grech xehed ukoll li minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat gewwa l-lock up tal-Pulizija instab sachet iehor kontenenti sustanza bajda. Mistoqsi mill-Qorti fejn kienet huwa jghid li ma jiftakarx izda jikkonferma li kien prezenti.

Sussegwentament ittehditlu stqarrija u dana wara li rrifjuta d-dritt ghall-assitenza legali qabel ma gie interrogat. Kemm l-istqarrija kif ukoll id-dikjarazzjoni rigwardanti r-rifjut tal-assistenza legali gew ezebiti fl-atti processwali odjerni immarkati bhala Dok JG2[3] u JG1[4] rispettivament.

[3] Fol. 23 tal-atti processwali odjerni
[4] Fol. 21 tal-atti processwali odjerni

PC 959 Daniel Formosa, ufficjal fi hdan id-dipartiment tal-Forensika, esebixxa numru ta' ritratti li huwa ha tal-oggetti kollha elevati mill-pussess tal-qua imputat u dan fuq struzzjonijiet mghotija lilu mill-ispettur investigattiv.

Fuq talba tal-Prosekuzzjoni, din il-Qorti hatret lill-ispizjar Godwin Sammut bil-ghan li janalizza s-sustanza elevata, li min-naha tieghu kkonkluda s-segwenti:

> *"Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument JG5, JG7 u JG10 instabet is-sustanza tetrahydrocannabinol (THC). Il-piz totali tas-sustanzi kien ta' 88.87 grammi u l-purita tat-THC kienet ta' circa 21%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta cannabis u hija kkontrollata bil-ligi that Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
> *Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokumenti JG3, JG7; JG9 u JG10 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piz totali tal-haxix kien ta' 28.85g u l-purita tat-THC kienet ta' circa 22%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
> *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti JG3 u JG6 instabet is-sustanza kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 1.31 grammi u l-purita' kienet ta' circa 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[5]

B. <u>Kunsiderazzjonijiet Preliminari</u>

Fl-ewwel lok din il-Qorti ser tindirizza numru ta' lanjanzi li tqajjmu mill-imputat in kwantu ghal xi provi mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u cioe' ta' Jeremy Mangion.

**B.1 Stqarrija tal-imputat**

Fil-verbal tal-udjenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), l-imputat, tramite l-avukati tieghu talab lil din il-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rrillaxata minnu tenut kont li din ittiehdet minghajr ma huwa gie mghoti d-dritt tal-assitenza legali <u>waqt</u> l-istqarrija.

Mill-atti processwali jirrizulta li din l-istqarrija giet irrillaxata nhar il-15 ta' Awwissu tas-sena 2016 lill-ispettur Justine Grech u dana wara li l-imputat inghata bizzejjed informazzjoni dwar id-dritt tas-silenzju kif ukoll dwar id-dritt tal-assistenza legali hekk kif kien limitat skond il-ligi in vigore f'Awwissu tas-sena

---

[5] Fol. 105 tal-atti processwali odjerni.

2016 u cioe' limitat ghall-konsultazzjoni ma avukat jew prokuratur legali tal-ghazla tieghu ghal massimu ta' siegha qabel it-tehid tal-istqarrija. Jidher, anke hekk kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat immarkata bhala Dok. JG1, li l-imputat fl-ebda hin ma gie offrut id-dritt ghall-assitenza legali ghall-waqt l-istqarrija. Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti li jiggustifikaw il-fatt li l-imputat ma giex moghti d-dritt tal-assistenza legali. Konsegwentament jirrizulta li l-unika raguni l-ghaliex il-qua imputat ma giex mghoti d-dritt tal-assistenza legali kienet li dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan it-tip ta' dritt[6]. Min qari tal-istess stqarrija jirrizulta kjarament li l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu in kwantu ghal diversi imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni tant li l-istqarrija tal-imputat hija wahda mill-provi determinanti li fuqha qed tistrieh il-prosekuzzjoni (dan hekk kif adirittura jirrizulta mill-qari tax-xhieda tal-ufficjal prosekutur l-ispettur Justine Grech). Dak iz-zmien li ttiehdet l-istqarrija l-imputat kien ghad kellu l-eta' ta' ghoxrin sena u l-fedina penali tieghu kienet wahda netta. Ghaldaqstant ma kienx jirrizulta li Mangion gie arrestat u interrogat f'okkazzjonijiet precedenti. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[7]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-istess imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

### B.2 Sfilz tad-dokumenti elevati mill-vettura tal-imputat galadarba l-pulizija stazzjonat fi hdan is-sezzjoni tat-traffiku (PC957) ma giex imharrek bhala xhud mill-prosekuzzjoni.

Fl-istess udjenza tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), l-imputat, tramite l-avukati tieghu talab ukoll ghall-isfilz tal-oggetti elevati mill-pulizija waqt li kienet qed issir it-tfittxija fuq il-vettura tieghu galadarba fil-fehma taghhom ma gewx osservati il-principji tac-*chain of evidence*. Fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza elaborat fuq dan il-punt u spjegat li hija qed tibbaza din it-talba fuq il-fatt li PC560 Aaron Grech fix-xhieda tieghu

[6] Fil-fatt id-dritt tal-assistenza legali waqt l-iter tal-istqarrija gie introdott fil-ligi Maltija f'Novembru tas-sena 2016.
[7] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

jispjega li l-ewwel tfittxija fil-vettura saret mill-pulizija tat-traffiku u jaghmel referenza ghal PC 957. Fil-fatt Grech jghid hekk fit-testimonjanza tieghu:

> *"Jien u PS891 rrikorrejna fuq il-post fejn gejna mghoddija affarijiet li nstabu mit-tfittxija li saret mill-pulizija tat-traffiku li kienu .... Dawn l-affarijiet gew elevati minn PC957 tat-traffic. It-tfittxija tkompliet minn PS891."*[8]

Minn analizi tal-atti processwali kjarament jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma ressqet sabiex jixhed lill-ebda ufficjal bin-numru tas-servizz PC 957 li huwa stazzjonat it-traffiku. Konsegwentament, l-avukat difensur targumenta li, fid-dawl ta' dan in-nuqqas, din il-Qorti ghandha tiskarta l-oggetti elevati waqt it-tfittxija fil-vettura galadarba l-ufficjal li elevahom baqgha ma xehex f'dawn il-proceduri, liema nuqqas johloq difett serju fil-kontinwita' tal-evidenza.

Fl-ewwel lok jibda biex jinghad li l-avukat difensur ghandha ragun meta tissottometti li x-xhieda ta' PC560 Grech ma hijiex l-ahjar prova ghall-kontinwita' tal-evidenza fir-rigward tal-oggetti elevati minn gol-vettura tenut kont li Grech stess jikkonferma bil-gurament li mhux tali ma ghamilx it-tfittxija hu izda adirittura lanqas kien fuq il-post dak il-hin. B'dan pero ghandu ugwalment japplika ghad-dikjarazzjonijiet maghmula bil-gurament mill-istess PC560 dwar minn ghamel it-tfittxija fil-vettura (li fuqhom qed tistrieh id-difiza). Dan ghaliex PC560 Grech ma kienx fuq il-post dak il-hin. Dak li ddikjara Grech bil-gurament dwar dak li gara qabel ma huwa wasal fuq il-post flimkien mas-surgent Baldacchino jikkostitwixxi biss *detto del detto* jew *hearsay evidence.*

Issa, l-artikoli li jirregolaw il-*hearsay evidence* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li ai termini tal-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali huma ukoll applikabbli ghall-proceduri kriminali. L-artikolu 598(1) jistipula li l-principju regolatur ghandu jkun li:

> *"598. (1) Bħala regola, <u>il-qorti ma tiħux qies</u> ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti."*

Min-naha l-ohra l-principju tal-katina tal-evidenza jirikjedi li l-prosekuzzjoni tressaq provi dwar kif l-oggetti gew elevati u kkonservati sakemm dawn gew ezaminati mill-esperti mahtura minn din il-Qorti. Din il-kwistjoni giet indirizzata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fl-ismijiet: <u>il-Pulizija vs. Keith Pawney</u> mghotija fid-19 ta' Jannar 2006 anke b'refernza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede superjuri) fl-ismijiet ir-<u>Repubblika ta' Malta vs. Emanuel Cardona</u> mghotija fis-16 ta' Novembru tas-sena 2000. Fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Keith Pawney, l-appellant kien ilmenta u attakka l-aspett tan-nuqqas

---

[8] Fol. 27 sa 28 tal-att processwali.

tal-kontinwita' tal-evidenza u fil-fatt f'din is-sentenza, l-Qorti tal-Appell kienet ikkumentat li ma kinitx tressqet sabiex tixhed ufficjal tal-pulizija li kienet iffirmat il-handing/taking over certificate tas-sustanzi illeciti f'dak il-kaz. Fil-kunsiderazzjoni taghha, din il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza mghotija fl-ismijiet: ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel Cardona, f'liema sentenza wara bhala stat ta' fatt il-Qorti qablet li kien hemm difett serju u nuqqas ta' professjonalita' b'mod generali fil-gbir tal-iswabs bil-ghan li jsir l-ezami tal-*gun shot residue* kif ukoll wara li saret referenza ghal dak li jistipula l-artikolu 568(2) tal-Kodici Kriminali, gie ddikjarat is-segwenti:

> *"….jidher ukoll minn dak li jimmira ghalih il-legislatur fl-artikolu 568 (2) tal-Kap.9 fejn hemm stabilit li nnuqqas tal-kawteli jew formalitajiet li ghalihom il-ligi tiriferi , mhux ta' impediment illi fil-kawza tkun tista' ssir, bil-mod li taghti l-ligi, l-prova tal-fatti li ghalihom dawk il-kawteli jew formalitaijiet jkunu jirriferu. Jigifieri….jekk nonostante d-difetti u nuqqasijiet kollha , x-xenarju li jemergi jkun jissodisfa lil min irid jiddeciedi li dak li gie indikat u analizzat ….hu verament …..*(l-oggett*) li gie elevat …allura l-argument relattiv ghan-nuqqasijiet jitlef mill-importanza tieghu billi ma jibqax validu l-argument li n-nuqqasijiet jeliminaw il-valur probatorju."*

L-istess Qorti fil-kaz ta' Cardona tkompli:

> *"F' dan il-kaz din il-Qorti tinsab sodisfatta, li benche' kien hemm nuqqasijiet sinjifikanti f' dik li hi procedura, kawteli u formalitajiet kif anki f' dik li hi professjonalita' , ma hemm indikazzjonijiet li anki minimament ghandhom iwassluha biex tiddubita jekk il-gurija seghetx tkun sodisfatta… ."* (dwar il-fatti tal-kaz).

Fid-dawl ta' dan il-pronunzjament, il-Qorti tal-Appell fil-kaz ta' Pawney:

> *"Ghalhekk jidher li finalment il-kwistjoni tirrizolvi ruha f' wahda ta' apprezzament tal-fatti minn min ghandu jiggudika, f' dan il-kaz mill-Magistrat li ppresjieda l- Ewwel Qorti u li ta s-sentenza appellata.*
>
> …
>
> *Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-*

*appellant, nonostante d-difetti fil-kawteli w proceduri li hu jillamenta minnhom.*

*Illi l-Ewwel Qorti dahlet f' din il-kwistjoni "funditus" fil-paragrafu 42 u 43 tas-sentenza appellata w kkonkludiet li kienet sodisfatta li l-pilloli li kienu gew elevati mill-post fejn kien sar ir-road block u gew konsenjati lil WPS Ruth Magro ftit sieghat wara skond ma jidher mid-dokument esebit fuq imsemmi u dawk li eventwalment gew konsenjati lill-espert forensiku, l-Ispizjar Mifsud minn WPS 100 V. Fenech Buontempo huma l-istess li hemm esebiti bhala dok. 99 CIV 01 u dan ghax id-dettalji kollha fuq id-dokumenti relattivi jaqblu bejnithom u ma dak li xehdu x-xhieda li kienu prezenti waqt ir-road block. Ghalhekk l-Ewwel Qorti rriteniet li kienet moralment sodisfatta minn din il-prova u ma rat ebda raguni ghaliex kellha tahseb li l-pilloli ezaminati mill-espert Mario Mifsud mhumiex l-istess pilloli li nstabu fuq il-post tar-road block. Din il-Qorti ukoll, minkejja li bla tlaqlieq tghid li kien ikun ferm aktar salutari kieku ngiebu jixhdu ukoll WPS Magro u WPS V. Fenech Buontempo, l-fatt li ma xehdux ma ghandux iwassal biex din il-prova hekk importanti tigi skartata w tigi dikjarata inammissibbli kif qed jippretendi l-appellant.*

*Ghalhekk mhux il-kaz li jigi disturbat l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward, konsidrat dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kaz ta' Cardona fuq citat. Ghalhekk anki dan l-ilment qed jigi respint."*

Stabbiliti dawn il-principju, din il-Qorti ser tanalizza l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni bil-ghan li jigi stabbilit jekk mix-xhieda prodotta tirrizultax evidenza bizzejjed li tissostanzja l-katina tal-evidenza b'tali mod li din il-Qorti tkun sodisfatta li l-oggetti li gew esebiti effettivament gew elevati mill-vettura li kienet misjuqa mill-imputat.

Jibda biex jinghad li din il-Qorti hija tal-fehma li l-kantina tal-evidenza ma ghandhiex tigi msahha bi provi li fin-natura taghhom huma klassifikati bhala <u>hearsay evidence</u> u dana galadarba hija l-ligi stess (hekk kif inghad iktar 'il fuq b'referenza ghall-artikolu 598(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tobbliga lil min ser jiggudika mill-fatti sabiex ma jqisx din it-tip ta' prova. Ghaldaqstant din il-Qorti ma hijiex ser tqis dak li ddikjara PC560 Grech rigward dak kollu li sehh fl-assenza tieghu u cioe' meta xehed rigward x'gie elevat mill-vettura tal-imputat qabel ma wasal huwa fuq il-post kif ukoll id-dikjarazzjonijiet li huwa ghamel

dwar min waqqaf lill-imputat u min effettivament ghamillu l-ewwel tfittxija (dejjem fl-assenza ta' Grech innifsu[9]).

Stabbilit dan, din il-Qorti ma taqbilx ma dak li sostna l-imputat li x-xhieda ta' Grech kienet l-unika prova li tressqet mill-prosekuzzjoni dwar l-ewwel tfittxija li saret fil-vettura misjuqa mill-imputat. Fil-fatt din il-Qorti taghmel referenza ghat-testimonjanza ta' PC1189 Jurgen Vassallo. Dan l-ufficjal jidher li dak iz-zmien kien stazzjonat fi hdan it-*Taqsima tar-Rapid Intervention Unit* tal-Pulizija. Vassallo fix-xhieda tieghu jghid li dakinhar tal-ispezzjoni:

> *"Konna qed nassistu lil tat-Traffic gewwa Mikiel Anton Vassalli waqt road block u tat-traffic waqfu vettura tal-ghamla BMW ta' lewn griz. Ix-xufier kien certu Jeremy Mangion, li qed naghraf hawnhekk gewwa l-awla u saret tfittxija fil-vettura mis-Surgent 918. U fit-tfittxija li saret is-surgent sab xi cannabis, xi haxixa. U prattikament kont prezenti u daqshekk."*[10] (sottolinear ta' din il-Qorti)

Minn din ix-xhieda jirrizulta b'mod car li dakinhar il-pulizija kien qed jaghmlu roadcheck (maghruf ukoll bhala roadblock) b'kollaborazzjoni bejn zewgt Taqsimiet tal-Pulizija – dik tat-traffiku u dik tar-Rapid Intervention Unit. Dan ix-xhud jispjega li l-vettura misjuqa mill-imputat twaqqfet mill-pulizija tat-traffiku izda t-tfittxija saret mis-surgent 918. Filfatt fix-xhieda tieghu Vassallo jkompli:

> *"Pros: Dawn li sibt inti*
> *Xhud: Mhux jien sibthom, is-Surgent 918.*"[11] (sottolinear ta' din il-Qorti)

Il-prosekuzzjoni ingungiet ukoll sabiex jixhed lil PS918 Clayton Azzopardi. Is-Surgent 918 Azzopardi, stazzjonat ukoll fi hdan ir-*Rapid Intervention Unit*, ikkonferma u sahhah dak li xehed PC1189 Vassallo. Fil-fatt fix-xhieda tieghu huwa jghid hekk:

> *"Fil-15 t'Awwissu tas-sena 2016 ghall-habta tas-6.00am ta' filghodu gejna mitluba mis-sezzjoni tat-traffiku biex nassistu waqt xi roadchecks li kienu ser jeffettwaw gewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan, qabel taqbad il-mini, direzzjoni lejn l-Imsida fejn hemmhekk twaqqfu diversi vetturi."*[12]

Dan jikkonferma kif l-assistenza tar-Rapid Intervention Unit ma ntalbitx specifikatament wara s-sejba ta' sustanzi illeciti fil-pussess ta' Jeremy Mangion. Izda ir-road check kienet qed issir b'kollaborazzjoni taz-zewg taqsimiet dik tat-traffiku u r-Rapid Intervention Unit. Dan jidher ukoll car li l-imsemmi surgent semma li f'dan ir-road check twaqqfu diversi vetturi. Ghaldaqstant meta Mangion

---

[9] Dan qed jigi emfassizat ghaliex mal-wasla ta' Grech fuq il-post flimkien mas-surgent Baldacchino regghet saret tfittxija ulterjuri fil-vettura fejn gew elevati oggetti ohra.
[10] Fol. 91 tal-atti processwali
[11] Fol. 91 tal-atti processwali
[12] Fol. 51 tal-atti processwali

twaqqaf il-pulizija stazzjonati fir-Rapid Intervention Unit kienu diga fuq il-post. Tant hu hekk li s-surgent 918 fix-xhieda tieghu, jaghmel referenza ukoll ghall-attegjament tal-imputat u jikkonferma bil-gurament tieghu stess li l-ispezzjoni ghamilha huwa stess.

> *"Wahda minnhom kienet tas-Sinjur Jeremy Mangion li qed ngharaf prezenti fl-awla* <u>*fejn saret spezzjoni gol-vettura minni stess*</u> *wara suspett ta' kif agixxa maghna meta waqqafnieh. Kien jidher konfuz u l-body language tieghu kienet tidher li setgha kellu xi haga llegali fil-vettura."*[13] (sottolinear ta' din il-Qorti)

Sussegwentament l-istess surgent jghaddi sabiex jixhed dwar l-oggetti elevati minnu fit-tfittxija li ghamel huwa stess. Fil-fatt jispjega li fil-parti ta' quddiem tal-vettura nstabu boroz kontenenti suspettat Cannabis Grass u crusher, filwaqt li fil-parti ta' wara (cioe' wara s-seat tax-xufier) kien hemm pouch iswed li go fih instabu flus kontanti fl-ammont ta' Eur. 375 u zewg boroz bi trab abjad. Is-Surgent 918 jispjega ukoll li wara li sab dan l-oggetti huwa nforma lill-ufficjali fi hdan it-Taqsima tal-Iskwadra Kontra d-Droga li gew fuq il-post u fi kliemu "*hadu over is-sitwazzjoni*". Dan huwa kkonfermat bix-xhieda ta' PC560 Grech u PS891 Oscar Baldacchino li jikkonfermaw li marru fuq il-post u PS891 fix-xhieda tieghu jispjega li regghet saret tfittxija ulterjuri fil-vettura tal-imputat fejn gew elevati oggetti ohra u anke saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat.

Fid-dawl ta' dawn it-testimojanzi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li x-xhieda li effettivament ghamlu t-tfittxija fil-vettura u elevaw xi oggetti effettivament tressqu sabiex jiddeponu dwar dan. Ghaldaqstant ma hemm assolutament xejn x'wiehed jiccensura dwar il-katina tal-evidenza tal-oggetti elevati mill-imsemmija vettura u konsegwentament qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-isfilz ta' dawn l-oggetti.

### B.3 Sfilz ta' numru ta' ritratti mehuda mill-pulizija rigward chats li nstabu fil-mobile tal-qua imputat.

Fl-istess udjenza tal-wiehed u ghoxrin ta' Novembru 2022, l-avukat difensur talbet ukoll ghall-isfilz tal-istills jew ahjar ritratti esebiti mill-prosekuzzjoni u mmarkati bhala dok. JC (fol. 16 sa 21), galadarba l-mobile li minn fuqhom ittiehdu dawn l-istills ma giex esebit fl-atti processwali u ma tqabbadx espert mill-Qorti bil-ghan li jnizzel l-informazzjoni hu mill-istess mobile.

Immedjatament jinghad li minn verifiki li ghamlet din il-Qorti l-mobile li minn fuqu ttiehdu r-ritratti mertu ta' din il-lanjanza ma giex esebit fl-atti processwali odjerni.

---

[13] Fol. 52 tal-atti processwali.

Fl-ewwel lok din il-Qorti ser tindirrizza numru ta' principji bazici. Fl-ewwel lok l-irwol tal-pulizija fl-investigazzjonijiet. Huwa propju l-ligi stess li taghti lill-ufficjali tal-pulizija s-setgha u d-dmir li jikkonservaw l-oggetti relatati ma reat kriminali. Fil-fatt, f'dan is-sens l-artikolu 357 tal- Kodici Kriminali, jistipula:

> *357. Meta uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva jikxef armi, dokumenti, traċċi jew sinjali jew ħaġ'oħra li jkollha x'taqsam mar-reat, hu għandu jfittex li jistabbilixxi u jiżgura l-eżistenza tagħhom u li jżommhom fl-istat li jkun sabhom, sakemm jagħmel ir-rapport tiegħu lill-Qorti tal-Maġistrati, u, jekk ma jkunx jista' jistabbilixxi u jiżgura din l-eżistenza jew jekk ma jkunx jista' jżommhom, għandu josserva l-istess proċedura li hemm għar-"reperti ".*

Il-ligi ma tispecifikax kif dan ghandu jsir u thalli dan fid-diskrezzjoni tal-Pulizija dejjem fil-limiti ta' dak li tippermetti l-ligi.

Fil-kaz odjern l-avukat difensur, targumenta li dawn ghandhom jigu sfilzati ghaliex ir-ritratti ittiehdu mill-pulizija u mhux gew *downloaded* minn espert mahtur ghal dan l-iskop wara li l-mobile ikun gie esebit fil-proceduri odjerni hekk kif hija l-prassi generali.

Fl-ewwel lok jinghad li ormai huwa principju assodat sew fil-kazistika tal-Qrati lokali li ufficjali tal-Pulizija huma xhieda kompetenti fir-rigward biss ta' rizultanzi fattwali. Fis-sentenza mghotija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) tal-14 ta' Awwissu tas-sena 1991 hekk kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1992 fl-ismijiet: <u>il-Puizija vs. Longinu Aquilina</u> intqal:

> *"L-ewwel kwezit fir-riferenza hu "Jekk l-ufficjali talKorp tal-Pulizija setghux jigu nominati mill-Magistrat Inkwerenti biex jelevaw il-marki tas-swaba minn fuq il-post tar-reat". Ir-risposta hi fl-affermattiv, salv irrakkomandazzjoni generali li saret aktar 'il fuq, fuq l-opportunita` li f'kull stadju tal-procedura, kemm jista' jkun jigu nominati mill-Qrati, biex jghinuhom, persuni li ma humiex ufficjali tal-Pulizija. Hu car li sa dak il-mument il-marki tas-swaba ghadhom bla paternita` u ma jistghux jitqiesu li jirreferu ghal xi persuna partikolari. Anki jekk ma jistax jigi eskluz illi xi marka tkun ta' persuna li eventwalment tista' tigi indizjata bhala l-awtur tar-reat u sussegwentement akkuzata li kkommettietu. Dawn il-marki fil-fatt f'dan l-istadju jistghu jigu elevati mill-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha indipendentement minn kull ordni tal-Qorti, fil-kors normali ta' l-indagini. L-awtenticita` ta' l-operat tal-Pulizija u l-attendibilita` tal-prova li tkun trid issir bihom, tkun dejjem soggetta ghall-iskrutinju tal-Qorti u tal-partijiet fil-procedura, konsegwenzjali ghall-indagini rikjesta. L-opportunita` f'dan l-istadju ghan-nomina ta' persuni li ma jkunux ufficjali tal-Pulizija tirrizulta ghalhekk mill-interess generali tal-gustizzja u l-*

*amministrazzjoni taghha u mhux mill-interess partikolari ta' xi cittadin u l-protezzjoni tad-dritttijiet fundamentali tieghu"*

Izjed ricentament, fis-27 ta' Settembru 2005, il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ddikjarat hekk fid-decizjoni taghha dwar l-ammissibilita' tal-applikazzjoni fl-ismijjiet <u>Nazzareno Zarb vs. Malta:</u>

> *"Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. <u>Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified</u> (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above).*
>
> *Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, <u>the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality.</u> To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). <u>Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti.

Stabiliti dawn il-principji, irid necessarament jinghad li fl-iter tal-process odjern ma tressqet l-ebda lanjanza fil-konfront tal-ufficjal investigattiv li din wettqet dmirjiet b'mod li ma kienx imparzjali jew oggettiv.

In oltre, fil-kaz in ezami, dak li ghamlet l-ufficjal investigattiv kien biss dak li hadet ritratti ta' dak li rat fuq il-mobile tal-imputat. Hekk kif il-Qrati taghna kellhom l-opportunita' li jiddikjaraw f'diversi sentenza taghhom, li xi hadd jiehu ritratt hija kwistjoni ta' fatt u dan fl-ebda hin ma jirrikjedi opinjoni jew xoghol analitiku. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet: <u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ahmed El Gamoudi</u> mghotija fl-10 ta' Novembru 2011 fejn gie ddikjarat:

> *"Dwar ir-ritratti m'hemmx dubju li dawn huma ammissibbli bhala prova. Difatti m'hemm l-ebda htiega ta' xi sengha partikolari sabiex*

*jittiehdu ritratti li jirriproducu dak li hu oggettivament riskontrabbli."*

L-istess intqal mill-istess Qorti fis-sentenza preliminari fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Borg mghotija fil-25 ta' Mejju 1998. Fid-dawl ta' dawn il-principji hawn fuq imsemmija li jemergu kemm espressament mil-ligi kif ukoll mill-kazistika ta' dawn il-Qrati, dina l-Qorti, fil-kaz odjern ma tara li kien hemm il-htiega li jitqabbad espert bil-ghan li jiehu r-ritratti tac-chats huwa jew li altrimenti jestratta l-informazzjoni minn fuq il-mobile - galadarba dan l-ezercizzju huwa wiehed fattwali u ma jirrikjediex sengha jew hila specjali fid-dittami tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt fuq dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: Republic of Malta vs. Janis Boruss deciz fit-23 ta' Frar 2017, anke b'referenza ghas-sentenza mghotija fl-ismijiet Joseph Chetcuti Bonavita et vs. Av. Beppe Fenech Adami et noe mill-Qorti tal-Appell Civili nhar id-29 t'April 2016, ntqal is-segwenti:

> *"9. Nonetheless, this Court cannot fail to observe that the situation in the abovementioned case before the Court of Appeal in its Civil Jurisdiction was markedly different from the situation in this case. In that case, the expertise required was a calligraphic opinion due to an alleged forgery. In the present case, what was required was the extrapolation of data from a mobile phone and sim cards; this essentially constitutes a determination of facts."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi u galadarba l-imsemmi dokument ma jmur kontra l-ebda disposizzjoni tal-ebda ligi[14] u ma kien jirrikjedi l-ebda sengha jew hila specjali[15] sabiex isir, din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li ghandha tordna l-isfilz ta' Dok. JG hekk kif mitlub mid-difiza.

Madanakollu, tenut kont li l-mobile minn fejn ittiehdu dawn ir-ritratti ma giex esebit fl-atti processwali odjerni minkejja li dan jidher li gie elevat mill-pulizija, din il-Qorti trid necessarjament tistaqsi jekk il-Prosekuzzjoni ressqitx l-aqwa prova u dan bil-ghan li jigi determinat il-valur probatorju tal-istess.

L-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jistipula:

---

[14] F'dan rigward issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello mghotija fis-27 ta' Jannar 2021 fejn gie ddikjarat: "13. *Illi -Qorti ma tistax taqbel ma din il-linja difenzjonali u dan ghaliex kif diversi drabi affermat mill-qarti fir-rigward tal-principju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-process penali, hija prassi adottata mill-gurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkun hemm xi dispozizzjoni espressa tal-ligi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova."*

[15] Hekk kif jirrikjedi l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali

> **638.** *(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

Fis-sentenza il-Pulizija vs. Richard Calleja deciz fit-2 t'Ottubru 2014, b'referenza ghad-dicitura fl-artikolu 638(1) hawn fuq citat – 'Bhala regola', jinghad:

> *"Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu se dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu"* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Julian Cutajar mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Settembru 2012 nghad:

> *"Il-"best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn is-sub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem, "Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk. Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu. Ghalhekk jekk il-Prosekuzzjoni jidhrilha illi mill-provi li resqet ghandha bizzejjed biex ikollha kundanna, allura f'dan il-kaz tista tieqaf hemm u ma toqghodx tghabbi lill-Qorti b'pizijied zejda."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza l-Pulizija vs. Joseph Fenech, Omissis, mghotija nhar il-15 ta' Ottubru 2013, ghamlet referenza ghall-gurisprudenza Ingliza rigward l-istess principju u sostniet:

> *"Fil-Blackstone's Criminal Practice tas-sena 2008 xord paġina 2285 insibu hekk:*
> *'The best evidence rule, which was used in the 18th and early 19th centuries as an exclusionary principle, i.e. to prevent the admission of certain evidence where better evidence was available, is now all but defunct.'*
> *U Lord Denning qal hekk dwar din ir-regola:*
> *'The old rule, that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow, and that any less good evidence is to be excluded, has gone by the board long ago. The only remaining*

*instance of it is that, if an original document is available on one's hands, one must produce it; that one cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight, and not to admissibility.'"*

L-istess interpretazzjoni giet abbracata fis-sentenza fl-ismijiet l-Pulizija vs. Peter Paul Muscat mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Frar 2021:

*"Din il-Qorti ghalhekk tqis li ghalkemm huwa desiderabbli li l-Prosekuzzjoni tressaq l-ahjar prova fosthom il-prova ta' lil minn tghajjat vettura permezz ta' xhieda ta' rapprezentant ta' Transport Malta, ma jfissirx li minghajr tali prova, il-prosekuzzjoni ma jkunx irnexxilha tipprova li l-vettura tghajjat lill-appellant. Ghalhekk gialadarba jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ma harkitx rapprezentant ta' Transport Malta biex jixhed, jehtieg li din il-Qorti tqis jekk permezz tax-xhieda tal-kwerelanti giex ippruvat li l-vettura in kwistjoni kienet tal-appellant."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dan l-insenjament, Dok JG jikkostitwixxi prova ta' fatt li l-ufficjal investigattiv Justine Grech xehdet dwarha bil-gurament. Fil-fatt bil-gurament taghha hija kkonfermat ghal diversi drabi anke fuq domandi maghmula mid-difiza li dawk ir-ritratti gew mehuda mill-mobile li gie elevat mill-pussess tal-qua imputat. Din il-prova ma ghandhiex tigi kkunsidrata wahedha u skartata izda ghandi tittiehed in konsiderazzjoni fl-assjem tal-provi l-ohrajn kollha imressqa mill-prosekuzzjoni. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali tasal ghal din il-konkluzzjoni fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Roderick Gerada mghotija nhar is-27 t' Ottubru 2022:

*"Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhilrlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha il-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġa pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

B’hekk il-lanjanza tad-difiza f’dan ir-rigward qed tigi rispinta.

C. Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita tal-imputat

**C.1. Imputazzjoni numru 1 u 2 rigwardanti traffikar tal-Cannabis (kemm bicciet tal-pjanta tal- cannabis u anke raza tal-Cannabis**

Il-prova sostanzjali u determinanti in sostenn ta’ dawn iz-zewg imputazzjonijiet kienet l-istqarrija tal-imputat. Fid-dawl ta’ dak iddikjarat iktar ‘il fuq f’din is-sentenza u cioe’ li din il-Qorti ser tiskarta dak iddikjarat fl-istqarrija fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputat, dawn iz-zewgt imputazzjoni ma jirrizultawx sodisfacentament ippruvati.

Ghal kull bon fini din il-Qorti taghmel referenza ghar-ritratti tac-chats immarkati bhala Dok. JG mill-ufficjal prosekutur minn fejn jirrizulta li kien hemm xi korrispondenza li setghet tindika traffikar. Fl-ewwel lok jinghad li din il-Qorti ma ghandhiex ghalxiex tiddubita li din ic-chat effettivament ittiehdet mill-mobil tal-imputat. Madanakollu l-korrispondenza indikata f’dan id-dokument hija wahda li ma hijiex cara dwar in-natura tas-sustanza li fuqha qed jitkellmu dwara u f’hafna mill-korrispodenza lanqas ma jirrizulta d-data li fihom saret. Jinghad ukoll li f’cirkostanza wahda fejn hemm id-data indikata dina taqa’ barra mill-parametri taz-zmien indikata fic-citazzjoni.

Ghaldaqstant il-qua imputat ser jigi illiberat minn dawn l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

**C.2 Pussess Semplici – Kokaina (imputazzjoni numru 5)**

Id-difiza ma hijiex qeghda tikkontesta l-pussess xjenti tas-sustanza kokaina. Fil-fatt din is-sustanza nstabet fuq l-persuna tal-imputat kif ukoll fil-vettura tieghu waqt li kienet taht il-kontroll tieghu. Instab sachet iehor fir-residenza tal-istess imputat. L-ammont kumplessiv tas-sustanza kokaina kien dak ta’ 1.31g b’purita ta’ 18%. Ghal dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni, irid jinghad li l-prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lill-imputat b’pussess semplci biss ghaldaqstant galadarba l-pussess xjenti ta’ din is-sustanza jirrizulta pruvat, Mangion ser jinsab hati ta’ din l-imputazzjoni.

**C. 3 Pussess Aggravat – Pjanta Cannabis u Raza tal-Cannabis (imputazzjonijiet numru 3 u 4)**

Il-pussess xjenti tal-pjanta Cannabis ma huwiex ikkontestat mill-partijiet. Fil-fatt l-imsemmija sustanza instabet fil-vettura tieghu kif ukoll fil-kamra tas-sodda

tieghu u fil-garaxx flimkien mar-residenza tieghu. Ghaldaqstant dak li fadal lil din il-Qorti tiddetermina huwa jekk dan il-pussess kienx wiehed intiz esklussivament ghall-konsum ta' Mangion jew altrimenti anke b'fini ta' spacc.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: Il-Pulizija vs. Ernest Briffa[16] (anke b'referenza ghal sentenzi ohra) ddikjarat is-segwenti:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Noel Borg deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
>> *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*
>>
>> *Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"*

[16] 26.1.2011

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' din il-gurisprudenza huwa impellenti fuq din il-Qorti sabiex tanalizza c-cirkostanzi li fihom instabet is-sustanza pjanta Cannabis. X'kienu dawn ic-cirkostanzi?

Fl-ewwel lok irid jinghad li instabu diversi sustanzi ta' natura differenti, kemm fuq il-persuna tieghu, fil-vettura tieghu kif ukoll go partijiet differenti tar-residenza tieghu. Fil-vettura nstabu s-segwenti oggetti relatati mal-konsum tad-droga: plate kwadru ta' lewn iswed li fuqhu kien hemm xi tracci, cigarette filter u tube tal-plastic trasparenti – dawn ir-rizultaw negattivi minn analizi ghal sustanzi illeciti.[17] Instabu ukoll pakkett bil-kliem *Ziggi Filter Tips* u pakkett iehor bil-kliem *rizla*; crusher ta' lewn sewda li kien fiha xi tracci li rrizulta pozittiv ghas-sustanza THC fl-ammont ta' 1.91g; joint b'rizultat pozittiv ghas-sustanza THC; qartas tal-plastik trasparenti li fih haxix ta' lewn ahdar li rrizulta pozittiv ghas-sustanza THC fl-ammont ta' 0.84g; u zewg iqratas tal-plastic trasparenti li fihom trab ta' lewn kannella car li minn analizi rrizulta li kienu pozittivi ghas-sustanza kokaina fl-ammonti rispettivi ta' 0.38g u 0.11g.[18]

Galadarba l-imputat gie arrestat waqt li kien qed isuq il-vettura li fiha nstabu l-oggetti hawnhekk riferiti huwa essenzjali li ssir referenza ukoll ghas-sustanzi li nstabu fuq il-persuna tal-imputat innifsu. Fil-fatt mix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li wara li l-imputat tnizzel gewwa l-lock up, reghet saret tfittxija fuqu fejn instab qartas – JG6. Dan id-dokument gie deskritt mill-espert spizjar bhala *"… 1 sachet u borza tal-plastik trasparenti zghira li fiha qartas tal-plastik trasparenti li fih trab ta' lewn abjad."*[19] Mill-analizi li ghamel l-ispizjar irrizulta li t-trab ta' lewn abjad kien is-sustanza kokaina f'ammont ta' 0.32g[20].

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, hu car li fil-hin li twaqqaf mill-pulizija waqt ir-road-checks li kienu qed isiru gewwa San Giljan ghall-habta tas-sitta ta' filghodu l-qua imputat kellu zewg tipi ta' sustanzi fuqu u cioe' l-Cannabis u l-kokaina. Is-sustanza cannabis ma kinitx mizmuma fl-istess post jew kontenitur izda kienet mqassma parti minnha fil-crusher, parti ohra f'qartas u joint. L-ammont kumplessiv tal-pjanta tal-Cannabis misjuba fil-pussess tieghu 2.75g, liema ammont kien akkumpanjat bi tlett sachets kontenenti s-sustanza kokaina (tnejn fil-vettura u iehor fuq il-persuna tieghu) fl-ammonti rispettivi ta' 0.38g, 0.11g u 0.32g. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi tenut kont ukoll il-hin li fiha l-qua imputat gie mwaqqaf bl-imsemmija sustanzi fil-pussess tieghu, kif ukoll in-natura

---

[17] Referenza ghal fol. 99 u 103 tal-atti processwali – Dok JG3, Kodici tal-laboratorju 014_19_01
[18] Referenza ghal fol. 99 u 103 tal-atti processwali – Dok JG4, Kodici tal-laboratorju 014_19_01. Ta' min jinnota li fit-tabella a fol. 103 l-oggetti hawn fuq imsemmija ssir referenza ghalihom bhala JG3, madanakollu dawn huwa evidenti li huwa zvista tenut kont li l-oggetti hemmhekk imsemmija jaqblu precizament mal-oggetti immarkati bhala JG4 mir-relazzjoni stess tal-ispizjar a fol. 99.
[19] Fol. 100 tal-atti processwali.
[20] Fol. 103 tal-atti processwali

differenti tas-sustanzi fil-pussess tieghu, liema sustanzi ma nstabux f'post wiehed izda instabu mqassma f'qartas, fil-joint, fil-crusher u go sachets differenti l-pussess ta' dawn is-sustanzi juru bic-car li dawn ma kienux intizi esklussivament ghall-uzu tieghu.

Dawn ma kienux l-uniku sustanzi li nstabu fil-pussess tal-imputat. Din l-Qorti ser tghaddi ukoll sabiex tqis is-sustanzi li l-qua imputat kellu gewwa r-residenza tieghu.

Issir ukoll referenza ghall-**kamra tas-sodda** tal-imputat. Mit-tfittxija li saret mill-pulizija jirrizulta li fil-kexxun tal-komodina instabu: pakkett bil-kliem Rizla u pakkett iehor bil-kliem OCB cigarette filters; mus; 2 sigaretti maqsumin li rrizultaw negattivi ghal sustanzi illeciti; pocket ta' lewn iswed tan-nuccali; business card bil-kliem *Beijing Chinese Restaurant*; u borza tal-plastic trasparenti li fiha s-sustanza ta' lewn kannella f'piz ta' 1.49g li minn analizi nstabet fiha s-sustanza THC. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li din is-sustanza nstabet fil-kamra tas-sodda tal-imputat f'piz daqshekk zghir ta' 1.49g fejn anke kienet l-unika sustanza li nstabet hemm, huwa indikattiv li l-qua imputat kien juza mis-sustanza Cannabis.

Imbaghad minn tfittxija fil-**garaxx** instabet izjed sustanza illecita flimkien ma oggetti li mhux biss huma relatati mal-konsum izda li anke huma indikattivi ta' spacc. Fil-fatt il-prosekuzzjoni f'Dok JG7[21] esebiet: pocket ta' lewn iswed li fih mizien tad-ditta Tanita; mizien iehor tad-ditta kenex; pakkett li fih batteriji; 2 batteriji; borza tal-plastik li fih zewg qratas tal-plastik li fihom trab ta' lewn abjad li mill-analizi rrizulta li kienet is-sustanza kokaina fl-ammonti rispettivi ta' 0.39g u 0.43g; borza tal-plastik li fiha blokka fil-piz ta' 76.11g li mill-analizi rrizulta li tikkontjeni s-sustanza THC u sustanzi ta' lewn kannella f'piz ta' 7.16g kontenenti ukoll is-sustanza THC; envelop ta' lewn kannella li fih borza tal-plastik trasparenti li fiha buds ta' lewn hodor; u bicca plastic trasparenti li fiha haxix ta' lewn ahdar. Mill-analizi kondotta mill-espert nominat minn dina l-Qorti, l-haxix ta' lewn ahdar rriuzlta li kien jikkontjeni ukoll is-sustanza THC bil-paketti rispettivi jkollhom il-piz ta' 24.74g u 0.95g rispettivament. Fuq l-imwiezen ma nstabux tracci ta' sustanzi illegalli madanakollu tenut kont li dawn instabu fil-garaxx fejn kien hemm sustanzi illeciti (u mhux f'lok iehor f'residenza bhalma hija l-kcina) din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li dawn kienu intizi sabiex jintuzaw bil-ghan li titkejjel u titqassam is-sustanza illegali. Bhala oggetti elevati ukoll mill-garage l-prosekuzzjoni esebit ukoll Dok. JG8. Dan l-esebit jikkontjeni zewg boroz tal-plastik trasparenti vojta; zewg sigaretti; bicciet tal-karti; zewg pakketti ta' Rizla cigarette filters; pakkett tal-batteriji vojt; baskett tad-drapp ta'

[21] Fol. 100 u 103 tal-atti processwali.

lewn iswed bil-kliem Nike li fih bicciet tal-karti; borza tad-drapp ta' lewn iswed Solaris, business card bil-kliem 'Salvo Patti' 'auto amica', flixkun tal-hgieg bil-kliem 'nivea men', blister packet bil-kliem paracetamol, blister packet bil-kliem voltaren, borza tal-plastik li fiha siringa, landa tal-metall bil-kliem Vaseline, tracci ta' sustanza ta' lewn kannella u kaxxa zghira bil-kliem 'Three Stars Safety Matches'. Tracci ta' sustanzi illegali ma jirrizultax li nstabu fl-oggetti li gew analizzati mill-espert[22]. L-oggetti esebiti gewwa esebit JG9 gew ukoll elevati minn gewwa l-garaxx. Dan l-esebit kien jikkontjeni: baskett ta' lewn iswed vojt, boroz tal-plastic trasparenti vojta; borza tal-plastic trasparenti li fiha r-ross; pakkett ta rolling papers bil-kliem 'burn'; borza tal-plastik li fiha tracci ta' trab kannella li rrizulta negattiv ghal sustanzi illeciti; borza tal-plastik li fiha tracci ta' haxix ta' lewn ahdar li kienu pozittiv ghas-sustanza THC; u pakkett bil-kliem 'raw'.[23] Mill-garaxx gew elevati ukoll xi oggetti ohra li gew inseriti f'evidence bag immarkat bhala JG10. Dan l-esebit jikkontjeni: joint li rrizulta pozittiv ghas-sustanza THC; haxix ta' lewn ahdar f'piz ta' 0.41g pozittiv ghas-sustanza THC; sustanza ta' lewn kannella f'piz ta' 2.96g pozittiva ghat-THC; crusher li fiha sustanzi ta' lewn kannella f'piz ta' 1.15g pozittiv ghas-sustanza THC.[24] Fil-garaxx instabu ukoll numru ta' self sealable bags vojta esebiti bhala Dok. JG 11[25]. Fl-istess lok instabu ukoll: bicca tal-plastic trasparenti; bicca karta; 3 pakketti ta' OCB cigarette papers; sikkina u joint li gew immarkati bhala Dok. JG12. F'dan l-esebit kemm is-sikkina kif ukoll il-joint irrizultaw li kienu negattivi ghal sustanzi illeciti.[26] L-ahhar evidence bag kontenenti oggetti elevati mill-garaxx kien propju JG13 li kien jikkontjeni: baskett ta' lewn blu li ghandu baskett abjad bil-kliem 'Real Foto' li fih sikkina li fuqha hemm tracci ta' lewn kannella. Dawn it-tracci fuq din is-sikkina rrizultaw pozittivi ghas-sustanza THC[27].

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Lawrence Fabri[28], l-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghall-gurisprudenza Ingliza rigward dawk ic-cirkostanzi li jistghu jghinu lill-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk il-pussess kienx wiehed aggravat jew semplici:

> *"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*
> * *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*

[22] Fol. 101 u 104 tal-atti processwali.
[23] Fol. 101 u 104 tal-atti processwali.
[24] Fol. 102 u 104 tal-atti processwali.
[25] Fol. 12 u 102 tal-atti processwali.
[26] Fol. 102 u 104 tal-atti processwali.
[27] Fol. 102 u 104 tal-atti processwali.
[28] 27.4.2017

-  *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*

-  *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*

-  *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

-  *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

-  *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

-  *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

-  *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

-  *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.* (www.cps.gov.uk)*"*

L-ammont globali ghal dak li jirrigwarda raza mehuda mill-pjanta Cannabis kien dak ta' 88.87 grammi b'purita ta' 21% filwaqt li l-ammont globali ghal dak li jirrigwarda pjanta tal-Cannabis jew parti minnha kien dak ta' 28.85g b'purita ta' 22%.

Immedjatament jinghad li dan l-ammont tal-Cannabis huwa wiehed tant kunsiderevoli li ma jindikax uzu personali b'mod esklussiv. Jinghad ukoll li dan l-ammont ma kienx f'post wiehed izda kien mqassam f'positijiet differenti dejjem taht il-kontroll tal-imputat.

In kwantu ghall-pussess tal-pjanta Cannabis **fil-vettura** tal-imputat biss irid jinghad li ghalkemm jekk meqjus wahdu dan mhuwiex f'ammont esagerat, il-

pussess xorta ma kienx tali li jindika li ser ikun hemm konsum mill-imputat biss. Dan tenut kont li l-imputat kellu fil-pussess tieghu zewg tipi ta' sustanzi differenti (cioe' pjanta tal-cannabis u kokaina) u fil-fehma ta' din il-Qorti kien impossibli ghall-imputat li jikkonsma s-sustanza kollha li kellu fil-pussess immedjat tieghu (cioe' l-vettura u l-persuna) f'okkazzjoni jew harga wahda. Ghal kull bon fini jigi nnotat ukoll li minkejja li l-imputat gie akkuzat biss bir-reat ta' pussess semplici tal-kokaina u ghaldaqstant ma jistghax jinsab hati ta' pussess aggravat tas-sustanza kokaina, l-istess sustanza kienet imqassma f'sachets differenti b'piz simili u b'wahda minnhom tinsab mizmuma fuq il-persuna tal-imputat filwaqt li t-tnejn l-ohra fil-vettura. Rigward is-sustanza raza tal-Cannabis misjuba fil-**komodina tal-kamra tas-sodda tal-imputat**, hekk kif inghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont tal-lok fejn instabet kif ukoll l-ammont negligibbli ta' sustanza li nstabet jindika li din setghet kienet hemm ghall-uzu tal-imputat. Mhux l-istess jistgha jinghad ghas-sustanzi li nstabu fil-pussess xjenti tal-imputat gewwa l-**garaxx**. In kwantu ghas-sustanza cannabis li nstabet fil-garaxx l-ammont tas-sustanza kien tant kunsiderevoli li huwa bhala cirkostanza indikattiv li dik is-sustanza ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Madanakollu din ma kinitx l-unika cirkostanza. Il-Qorti taghmel referenza ghall-fatt li din is-sustanza nzammet b'mod separat minn gol-kamra tas-sodda. Fl-istess lok instabu ukoll diversi imwiezen li juru li l-qua imputat kien qed iqassam l-istess sustanza. Instabu ukoll amount kundsiderevoli ta' sealable bags vojta. Dawn ukoll jidikaw li l-imputat kien mhux biss qed jaqsam id-droga izda anke jpoggieha f'sealable bags bil-ghan li tkun tista tigi mqassma jew offruta lill-haddiehor izjed b'mod facli. Dan isib sostenn ukoll fir-relazzjoni pprezentata minn Dr. Roberta Holland (mahtura bhala espert fuq talba tad-difiza ai fini tat-talba sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga). Fil-fatt fir-relazzjoni taghha Dr. Holland tghid hekk:

> *"Fil-garaxx, kienu gieli jghaddu xi whud minn shabu, u joqoghdu jpejpu mieghu, jew inkella jieqfu peress li kienu jafu li hu jkollu l-kannabis ghad-disposizzjoni tieghu, u li seta' jaghti jew jaqsam maghhom."*[29]

Il-pussess mhux ghall-uzu esklussiv huwa ukoll is-sostanzjat b'xi messaggi li nstabu fil-mobile tal-imputat skond dak li kkonfermat bil-gurament l-ufficjal investigattiv. Per ezempju a fol. 16 tal-atti processwali hemm ritratt ta' messagg mehud minn fuq il-mobile tal-imputat skond ix-xhieda tal-ispettur Grech, permezz ta' liema certu Luca Zammit jidher li qed jibghat messagg lil qua imputat

[29] Fol. 12 tar-relazzjoni ta' Dr. Roberta Holland esebieta u mmarkata bhala Dok. RH.

fejn qed jaghmel referenza ghalih b'ismu 'Jeremy' u jitolbu zewg lobiet. Il-qua imputat iwiegeb 'gej'.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rijest mil-ligi t-tielet u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputat.

D. Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinsab hati inkluz l-ammont u n-natura tad-droga nvoluta; kif ukoll il-fedina penali netta tal-imputat. Ittiehed kont tat-trapass taz-zmien minn meta sehhew il-fatti u l-progress notevoli li ghamel l-imputat u dan minkejja li l-konsum tas-sustanzi illeciti partikolarment mill-cannabis kien beda t'eta' tenera.

Dina l-Qorti ha tiehu konjizzjoni ukoll tal-fatt li din il- Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga fit-termini tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u rreferiet lill-qua imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga. L-imsemmi Bord ikkonkluda l-kaz tal-qua imputat b'mod pozittiv. Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tal-ufficjal tal-probation li kkonferma li dan l-ahhar il-qua imputat kien qed jittestja negattiv ghal sustanzi illeciti inkluz dik tal-cannabis.

Illi in sodisfazzjon ta' dak li jistipula l-artikolu 8(6) tal-Kap. 537, ir-registratur tal-Qrati u t-Tribunali Kriminali kkonfermat li Pace ma ghandux proceduri kriminali ohra pendenti ghajr dak odjern. Konsegwemtament ma tirrizultax il-htiega li din il-Qorti ssejjah ghandha kazijiet ohra rigwardanti l-imputat odjern.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi issir referenza ghal dak stipulat fl-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*
>
> *Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija*

*fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*

Illi qari *ad literam* ta' dan is-subartikolu jista' jaghti x'jifhem li l-Qorti ma jkolliex l-obbligu li tapplika l-piena mandatorja ta' prigunerija f'kaz biss li din il-Qorti ssejjah lura kazijiet li kwalunkwe imputat jistgha jkollu pendenti u dan fit-termini tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537. Il-ligi hija kompletament silenzjuza ghal dak li ghandu jigri f'kaz li l-imputat, hekk kif inhu fil-kaz odjern, ma jkollux kazijiet ohra pendenti[30].

Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:

> *"L-iskop ta' din il-liġi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jingħataw ċans ieħor mis-soċjetà, se jingħataw ċans ieħor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Priġunerija" jindika dan.".* [31]

Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:

> *"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess sempliċi u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa għandna ċirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juża d-droga għalih imma għandu ammont ta' drogi li għalkemm ma ġiex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jeħodhom kollha hu. ... Dawn għandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibigħuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jiġu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jiġu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-ħabs bilfors b'minimu ta' sitt xhur priġunerija. Jista' ħareġ mill-vizzju, jista' qed jgħallem il-Caritas u jista' jkun qed jagħmel xogħol enormi fis-soċjetà, għax dak irid imur il-ħabs bilfors.*
>
> *Aħna qed ngħidu li f'dik iċ-ċirkostanza rridu nagħtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li għandha l-intenzjoni li toħroġ mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza tagħha, tgħajjat il-kawżi kollha li għandha l-persuna, jiġifieri jekk din għandha kawża oħra ta' serq - għax dawn ħafna drabi jkollhom kawżi oħrajn – tagħtiha sentenza waħda li mhux bilfors tkun ħabs. Eliminajna xi każijiet li ma jistgħux jingħajtu bħal, pereżempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan daħal u sawwat anzjana, dak ma*

[30] Ara f'dan is-sens il-verbal maghmul fl-udjenza ____.

[31] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014

*jistax igawdi minn din imma bħala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan ħareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux ħabs. Qed nagħtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' ħabs bilfors."*[32]

Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal ligi, nghad ukoll:

> *"...il-Qorti tittrasforma ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkużat ma jeħilx il-ħabs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibagħtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-soċjetà li lest joħroġ mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment joħroġ mill-vizzju wara li l-Bord jgħid li effettivament ħareġ, dan l-akkużat jerġa' jiġi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibagħtu l-ħabs jew tagħtih piena li mhux bilfors il-ħabs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed nagħtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fiċ-ċirkostanzi jekk tibagħtux il-ħabs jew le wara li jiġru dawn l-affarijiet kollha li semmejt.*
>
> *Irrid ngħid ukoll li jekk dan l-individwu għandu reati oħrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jiġifieri jekk dan ta xi xebgħa lil xi anzjana, jew daħħal id-droga l-ħabs, jew biegħ id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistgħu jiġu attirati quddiem din il-qorti u tagħti sentenza waħda li ma tkunx bilfors ta' ħabs. Il-qorti tara hi jekk tibagħtux il-ħabs jew le. Naħseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu."*[33]

Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn persuna ma jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga jistgha jikkommetti numru ta' reati ohra sabiex imantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li

[32] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014
[33] Kumitati permanenti għall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015

jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga.

Stabbilit dan, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, fejn:

(a) ir-reati li taghhom ser jinsab hati huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza li l-qua imputat kellu dak iz-zmien tar-reat odjern; u

(b) l-imputat irnexxielu jeghleb id-dipendenza fuq sustanzi lleciti huwa riforma hajtu kompletament fejn illum, mix-xhieda mismugha jirrizulta li qed jghix hajja stabbli 'l boghod mid-droga,

Din il-Qorti hija tal-fehma li b'applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tinfliggi piena alternattiva minn dik ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l- artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-qua imputat mhux hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda qed issib lill-istess imputat Jeremy Mangion hati tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Konsegwentament din il-Qorti qed tikkundana lill-istess Mangion ghall-piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' ghoxrin xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien tlett snin millum kif ukoll ghall-hlas ta' penali ta' tmenin Ewro (Eur. 80).

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Jeremy Mangion sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din ilawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur